MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' April, 2006

Talba Numru. 752/2005

**Stephania Baldacchino u Pierre Duca**

**vs**

**Clinton Galea**

Numru
Talba Numru 752/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) rapprezentanti rifuzjoni ta' depozitu mhallas fuq bejgh ta' propjeta mmobbli, bl-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qal li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex ma kienx

hemm raguni validi ghalfejn l-atturi jonqsu milli jixtru l-fond u l-flus kellhom jinghataw biss jekk l-atturi ma jinghatawx self mill-bank.

Ra l-affidavit ta’ Pierre Duca, l-affidavit u xhieda ta’ Stephania Baldacchino u x-xhieda ta’ Clint Galea u l-Periti Joseph Borg Grech u Ronald Muscat Azzopardi.

Ra d-dokumenti esebieti.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra

Dan huwa kaz fejn l-atturi qed jitolbu rifuzjoni ta’ ammont imhallas fuq bejgh ta’ propjeta mmobbli liema bejgh ma sehhx.

L-ewwel kwistjoni li trid tigi risolta hija n-natura tal-pagament ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) u b’mod partikolari jekk kienx depozitu akkont tal-prezz jew kappara. Fuq dan il-punt ma jidhirx li hemm wisq dubju.

Il-ftehiem ta’ bejn il-partijiet jemergi minn skrittura redatta u ffirmata minnhom stess u li hija esebieta a fol 21 tal-process. Minn dan id-dokument jirrizulta li l- hames mitt lira Maltija (Lm500) li thallset fit-3 ta’ Lulju 2003 kellha titnaqqas mill-kont finali.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li dak in-nhar li giet iffirmata l-iskrittura “tawni Lm500 bhala depositu akkont tal-prezz“ (ref fol 31 tal-process). Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu ukoll jinghad li s-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) thallset bhala parti mis-somma tal-prezz tal-bejgh.

Konsegwentement jidher sufficjentement pruvat kif del resto ammess mill-konvenut li l-hlas tal- hames mitt lira Maltija (Lm500) kien depozitu akkont tal-prezz.

Jirrizulta mill-atti li l-ftehiem ta’ bejn il-partijiet kellu validita ta’ tlett gimghat. Jirrizulta ukoll li dawn it-tlett gimghat ghaddew inutilment fis-sens li l-bejgh ma giex konkluz u hadd mill-partijiet ma nterpella lill-parti l-ohra biex taddivjeniu ghall-konkluzjoni tal-bejgh.

Konsegwentement il-konvenju li kien hemm bejn il-partijiet skada ghall-fini u l-effetti tal-ligi u l-ebda wahda mill-partijiet ma baqghat marbuta.

La darba l-hlas tal- hames mitt lira Maltija (Lm500) kien depozitu akkont tal-prezz ir-raguni li waslet biex ma sehhx il-bejgh hija rrilevanti. Huwa pacifiku fis-sistema guridika taghna li jekk konvenju jiskadi, u f’nuqqas ta’ kundizzjonijiet ohra fil-konvenju, id-depozitu akkont ghandhu jigi rifuz.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li din hija raguni valida u sufficjenti ghalfejn id-depozitu ghadu jigi rifuz u m’ghandux ghalfejn jidhol fir-ragunijiet li waslu biex ma sehhx il-bejgh.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) b’l-imghaxx mid-data tan-notifika ta’ l-avviz u b’l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------